# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 14 ta' Mejju, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**
**vs**
**Saad Mohamed Abdul Rahman Haysem**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Saad Mohamed Abdul Rahman Haysem, iben Mohammed u Hadia, imwieled Kosti nhar l-1 ta' Mejju, 1998, residenti Hal Far Tent Village, detentur tan-numru tal-Pulizija 18K-053, Refcom no 24179/18.

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Mejju, 2019 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ikkommetta serq ta' oggett u cioe' mowbajl ta' l-ghamla iPhone S6 liema serq, li sar ghad-detriment ta' Alain Deniro Co, u huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €116.57 imma mhux iktar minn €2329.37.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi tratta bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikaatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammeta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara lil-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.
Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illil-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stdju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah hames xhur prigunerija li b' applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iiehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**